MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tal-25 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 11/2009

**Go p.l.c. (C 22334)**

**vs**

**Francis Abdilla (ID 438169M)**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta’ attrici talbet il-hlas tas-somma ta’ tlett mija u sitta u sittin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€366.54), liema ammont huwa dovut lis-socjeta’ attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21343119 (AT/3442/88, AC 10090060) skond diversi kontijiet mibghuta lill-konvenut u skond id-dokumenti annessi mal-avviz tat-talba.

IZY1 prospett ghas-servizz bl-akkont numru 10090060 (telefon 21343119)
IZY2 ftehim dwar is-servizz telefoniku 21343119

Illi l-konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali, kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.
Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta soddisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tlett mija u sitta u sittin Euro u erbgha u hamsin centezmu (€366.54), bl-imghax kif mitluba.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------